Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	48	62	69	92	214	314	3 153
2	49	63	70	93	215	352	2 344
3	49	64	72	98	209	365	1 767
4	48	64	74	101	206	363	1 365
5	48	65	77	102	205	354	1 082
6	49	67	79	104	204	340	878
7	49	68	79	105	203	324	726
8	48	68	80	107	202	307	611
9	48	69	81	109	201	294	520
10	47	68	81	110	200	293	448
11	46	67	80	109	198	291	389
12	44	65	78	108	197	290	341
13	42	64	77	106	195	288	301
14	41	62	75	105	193	286	286
15	39	61	74	103	192	285	285
16	38	59	72	102	190	283	283
17	36	58	71	100	189	282	282
18	35	56	70	99	188	281	281
19	34	56	69	98	187	280	280
20	34	55	68	98	186	279	279

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
21	33	54	67	97	186	279	279
22	33	54	67	96	185	278	278
23	32	53	66	96	185	278	278
24	31	52	65	95	184	277	277
25	31	52	67	94	183	276	276
26	30	51	70	94	182	275	275
27	29	50	72	93	182	275	275
28	28	50	75	92	181	274	274
29	28	49	78	92	180	273	273
30	27	48	80	91	180	273	273

## 3.23 Rand

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	110	124	130	153	275	370	3 397
2	111	125	131	154	276	376	2 525
3	112	127	135	161	272	390	1 903
4	112	128	139	165	270	389	1 470
5	113	130	142	167	270	379	1 165
6	114	133	145	170	270	364	944
7	115	135	146	171	269	362	781
8	115	135	146	173	268	361	657
9	114	135	147	175	267	360	560
10	113	134	147	176	266	359	482
11	112	133	146	176	265	358	419
12	110	131	144	174	263	356	367
13	108	129	142	172	261	354	354
14	106	127	140	170	258	351	351
15	103	125	138	167	256	349	349
16	101	122	135	165	253	346	346
17	99	120	133	162	251	344	344
18	96	117	130	160	249	342	342
19	94	115	128	158	247	340	340
20	93	114	127	156	245	338	338
21	91	112	125	155	243	336	336
22	89	110	123	153	242	335	335
23	87	108	121	151	240	333	333
24	85	107	120	149	238	331	331
25	84	105	118	147	236	329	329
26	82	103	116	146	234	327	327
27	80	101	114	144	233	326	326
28	79	100	113	142	231	324	324
29	77	98	111	141	230	323	323
30	75	97	110	139	228	321	321

## 3.24 Real

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	168	182	189	212	334	429	3 368
2	177	191	198	221	343	438	2 528
3	181	196	205	230	341	436	1 920
4	182	198	208	235	340	433	1 490
5	182	199	211	236	339	432	1 184
6	182	201	212	238	338	431	962
7	182	202	213	238	336	429	796
8	181	201	212	239	334	427	670
9	180	200	212	241	333	426	570
10	179	200	213	242	331	424	491
11	177	198	211	240	329	422	427
12	174	195	208	238	327	420	420
13	171	192	205	235	324	417	417
14	168	189	202	232	321	414	414
15	165	186	199	229	318	411	411
16	162	183	196	226	314	407	407
17	159	180	193	222	311	404	404
18	155	176	190	219	308	401	401
19	152	173	186	216	305	398	398
20	149	170	183	213	302	395	395
21	146	167	180	210	299	392	392
22	143	164	177	207	296	389	389
23	140	161	174	204	292	385	385
24	137	158	171	200	289	382	382
25	133	155	168	197	286	379	379
26	130	152	165	194	283	376	376
27	127	149	162	191	280	373	373
28	125	146	159	188	277	370	370
29	122	143	156	186	274	367	367
30	119	140	153	183	272	365	365

## 3.25 Renminbi-yuan

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	23	37	43	66	188	320	3 219
2	24	38	44	67	189	358	2 393
3	23	38	47	72	184	371	1 803
4	23	39	50	76	181	370	1 392
5	23	41	53	77	180	360	1 102
6	24	42	54	80	179	346	893
7	25	44	55	81	179	329	738
8	24	44	55	82	177	311	620
9	23	44	56	85	177	293	528

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
10	23	44	57	86	176	276	455
11	22	44	57	86	175	268	395
12	22	43	56	86	174	267	346
13	21	42	55	85	174	267	305
14	21	42	55	85	173	266	270
15	20	42	55	84	173	266	266
16	20	41	54	84	173	266	266
17	20	41	54	84	173	266	266
18	20	41	54	84	173	266	266
19	20	41	54	84	173	266	266
20	20	42	55	84	173	266	266
21	20	42	58	84	173	266	266
22	20	42	60	84	173	266	266
23	20	41	62	84	173	266	266
24	20	41	65	84	173	266	266
25	20	41	68	84	172	265	265
26	20	41	71	83	172	265	265
27	19	40	73	83	172	265	265
28	19	40	76	83	172	265	265
29	19	40	78	83	171	264	264
30	18	40	81	83	171	264	264

### 3.26 Ringgit

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	19	33	40	62	184	321	3 234
2	21	35	41	64	186	360	2 402
3	22	37	45	71	182	372	1 808
4	23	39	50	76	181	371	1 395
5	25	42	54	79	182	361	1 104
6	27	45	57	82	182	346	895
7	29	48	59	85	182	330	740
8	29	49	60	87	182	312	622
9	29	50	62	91	183	294	530
10	30	51	64	93	183	277	456
11	31	52	65	94	183	276	396
12	31	52	65	95	184	277	347
13	31	52	65	95	184	277	306
14	31	52	65	95	183	276	276
15	31	52	65	94	183	276	276
16	30	51	64	94	183	276	276
17	30	51	64	94	183	276	276
18	30	51	64	94	183	276	276
19	30	51	64	94	183	276	276
20	30	52	65	94	183	276	276

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
21	31	52	65	94	183	276	276
22	31	52	65	94	183	276	276
23	30	51	65	94	183	276	276
24	30	51	66	94	183	276	276
25	30	51	69	94	182	275	275
26	29	50	71	93	182	275	275
27	29	50	74	93	181	274	274
28	28	49	76	92	181	274	274
29	28	49	78	92	180	273	273
30	27	48	82	91	180	273	273

## 3.27 rublu Russu

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	119	133	140	163	285	380	3 400
2	118	132	139	162	283	379	2 521
3	116	131	140	165	277	389	1 899
4	116	132	142	168	273	388	1 466
5	116	133	145	169	272	378	1 161
6	115	134	146	171	271	364	941
7	116	135	146	172	270	363	778
8	115	135	147	174	269	362	654
9	114	135	147	176	268	361	556
10	114	135	148	177	267	360	479
11	114	135	148	177	266	359	415
12	112	134	147	176	265	358	363
13	111	132	145	175	264	357	357
14	110	131	144	174	263	356	356
15	108	129	142	172	260	353	353
16	106	127	140	169	258	351	351
17	103	124	137	167	255	348	348
18	101	122	135	164	253	346	346
19	98	120	133	162	251	344	344
20	96	117	130	160	249	342	342
21	94	115	128	158	247	340	340
22	92	113	126	156	244	337	337
23	90	111	124	153	242	335	335
24	87	108	121	151	240	333	333
25	85	106	119	149	238	331	331
26	83	104	117	147	236	329	329
27	81	102	115	145	234	327	327
28	79	100	113	143	232	325	325
29	77	98	111	141	230	323	323
30	75	96	109	139	228	321	321

## 3.28 dollaru Singaporjan

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	0	4	10	33	155	312	3 133
2	0	6	12	35	157	350	2 330
3	1	8	16	42	153	363	1 756
4	1	10	20	47	152	361	1 356
5	2	13	25	49	152	352	1 074
6	2	16	28	53	153	338	871
7	3	19	30	56	153	322	721
8	4	20	31	58	153	304	606
9	4	21	33	61	153	287	516
10	4	21	34	63	153	270	444
11	5	21	35	64	153	254	386
12	6	21	34	64	153	246	338
13	6	21	37	64	152	245	298
14	6	21	39	64	152	245	264
15	7	21	41	63	152	245	245
16	8	20	44	63	152	245	245
17	8	20	47	63	152	245	245
18	8	20	49	63	152	245	245
19	9	21	51	63	152	245	245
20	9	21	54	64	153	246	246
21	10	22	57	64	153	246	246
22	10	22	59	65	154	247	247
23	11	22	62	67	154	247	247
24	12	23	65	69	154	247	247
25	12	24	67	71	154	247	247
26	12	24	70	73	155	248	248
27	13	25	72	75	155	248	248
28	13	26	75	77	155	248	248
29	14	27	77	79	155	248	248
30	14	28	79	81	155	248	248

## 3.29 won Sud Korean

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	30	44	51	74	195	312	3 141
2	30	44	51	74	196	351	2 336
3	29	44	53	78	189	363	1 760
4	28	44	54	81	186	362	1 358
5	28	45	57	82	185	352	1 076
6	31	49	61	86	186	338	872
7	29	48	59	85	182	321	721
8	33	53	64	91	186	304	605
9	32	53	65	93	185	287	516

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
10	26	47	60	89	179	272	444
11	22	43	56	85	174	267	386
12	18	39	52	82	171	264	337
13	16	37	50	79	168	261	297
14	14	35	48	77	166	259	263
15	12	33	46	76	165	258	258
16	11	32	45	74	163	256	256
17	10	31	46	74	162	255	255
18	9	30	49	73	162	255	255
19	9	30	51	72	161	254	254
20	9	30	54	72	161	254	254
21	9	30	57	73	161	254	254
22	10	30	59	73	161	254	254
23	11	30	61	73	161	254	254
24	12	30	64	72	161	254	254
25	12	30	66	72	161	254	254
26	12	30	69	72	161	254	254
27	13	29	72	74	161	254	254
28	13	29	74	77	161	254	254
29	14	29	77	79	161	254	254
30	14	29	79	81	161	254	254

## 3.30 lira Torka

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	183	197	204	227	348	444	3 888
2	181	195	201	224	346	441	2 892
3	176	191	200	225	336	438	2 169
4	172	188	199	225	330	434	1 662
5	168	186	198	222	325	418	1 302
6	165	184	196	221	321	414	1 050
7	163	182	193	219	317	410	865
8	159	179	190	217	312	405	723
9	155	176	188	217	308	401	611
10	152	173	186	215	304	397	523
11	148	169	182	212	301	394	451
12	144	165	178	208	297	390	393
13	140	161	174	204	293	386	386
14	136	158	171	200	289	382	382
15	133	154	167	197	286	379	379
16	130	151	164	194	282	375	375
17	127	148	161	190	279	372	372
18	124	145	158	188	276	369	369
19	121	142	155	185	274	367	367
20	118	139	152	182	271	364	364

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
21	116	137	150	180	268	361	361
22	113	134	147	177	266	359	359
23	111	132	145	174	263	356	356
24	108	129	142	172	261	354	354
25	106	127	140	170	258	351	351
26	103	125	138	167	256	349	349
27	101	122	135	165	254	347	347
28	99	120	133	163	252	345	345
29	97	118	131	161	249	342	342
30	95	116	129	159	247	340	340

## 3.31 dollaru Amerikan

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	0	15	26	53	173	315	3 171
2	0	15	26	53	173	354	2 358
3	1	17	28	57	169	367	1 777
4	1	20	32	62	168	365	1 371
5	2	23	37	68	169	355	1 085
6	4	26	40	69	170	341	879
7	6	30	42	72	170	324	727
8	9	34	46	74	171	306	611
9	10	37	49	76	171	289	520
10	11	38	51	76	171	272	447
11	12	40	52	78	171	264	389
12	13	41	54	79	171	264	340
13	13	42	54	79	171	264	300
14	14	43	55	80	171	264	265
15	14	43	55	80	171	264	264
16	14	43	55	80	171	264	264
17	14	43	55	80	171	264	264
18	14	43	55	80	171	264	264
19	14	43	55	80	171	264	264
20	14	43	55	80	171	264	264
21	14	43	57	80	172	265	265
22	14	43	59	80	172	265	265
23	14	43	62	80	172	265	265
24	14	43	65	80	172	265	265
25	14	43	67	80	172	265	265
26	14	43	70	80	172	265	265
27	14	43	72	80	172	265	265
28	14	43	74	80	172	265	265
29	14	43	77	80	172	265	265
30	14	43	79	81	171	264	264

## 3.32 Yen

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità kreditizja	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Skala 2 tal-kwalità kreditizja	Skala 3 tal-kwalità kreditizja	Skala 4 tal-kwalità kreditizja	Skala 5 tal-kwalità kreditizja	Skala 6 tal-kwalità kreditizja
1	0	0	3	11	133	304	3 049
2	0	1	6	14	132	340	2 262
3	1	2	9	17	125	352	1 702
4	1	3	12	20	121	351	1 313
5	2	4	15	23	120	341	1 040
6	2	5	17	26	120	327	843
7	3	6	19	29	120	311	697
8	4	6	22	30	120	294	586
9	4	8	25	33	120	278	499
10	4	9	28	36	120	261	430
11	4	10	30	38	120	245	373
12	6	10	32	40	120	230	327
13	6	12	35	42	121	215	288
14	6	12	37	46	121	214	255
15	6	14	40	48	121	214	227
16	8	14	43	49	121	214	214
17	8	15	45	52	122	215	215
18	8	16	47	54	122	215	215
19	9	17	50	56	124	216	216
20	9	17	53	59	127	216	216
21	9	19	55	60	128	217	217
22	10	20	57	62	130	218	218
23	10	20	59	64	131	218	218
24	10	22	62	66	134	218	218
25	12	22	64	68	135	219	219
26	12	24	67	70	136	219	219
27	13	24	69	72	137	219	219
28	13	25	72	74	139	219	219
29	13	26	74	77	139	219	219
30	14	27	77	79	141	219	219

## ANNESS III

**Aġġustament tal-volatilità għall-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imħax mingħajr riskju**

Munita	Is-suq tal-assigurazzjoni nazzjonali	Aġġustament tal-volatilità (f'bps)
Euro	L-Awstrija	2
Euro	Il-Belġju	2
Euro	Ċipru	2
Euro	L-Estonja	2
Euro	Il-Finlandja	2
Euro	Franza	2
Euro	Il-Ġermanja	2
Euro	Il-Greċċja	2
Euro	L-Irlanda	2
Euro	L-Italja	2
Euro	Il-Latvja	2
Euro	Il-Litwanja	2
Euro	Il-Lussemburgu	2
Euro	Malta	2
Euro	In-Netherlands	2
Euro	Il-Portugall	2
Euro	Is-Slovakkja	2
Euro	Is-Slovenja	2
Euro	Spanja	2
Krona Ċeka	Ir-Repubblika Ċeka	3
Krona Daniża	Id-Danimarka	29
Forint	L-Ungernja	1
Krona	L-Iżvejza	3
Kuna	Il-Kroazja	5
Lev	Il-Bulgarija	- 7
Lira Sterlina	Ir-Renju Unit	19
Leu Rumen	Ir-Rumanija	- 1
Zloty	Il-Polonja	5
Króna	L-Iżlanda	11
Krona Norveġiża	In-Norveġja	24
Frank Żvizzeru	Il-Liechtenstein	- 1
Frank Żvizzeru	L-Iżvizzera	- 1
Dollaru Awstraljan	L-Awstralja	10
Dollaru Kanadiż	Il-Kanada	18
Dollaru Amerikan	L-Istati Uniti	30
Yen	Il-Ġappun	0

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/731****tal-15 ta' Mejju 2018**

**li jistabbilixxi projbizzjoni fuq is-sajd tar-raja ondjata fl-iljmijiet tal-Unjoni taż-żona 7e minn bastimenti li jtajru l-bandiera Belġjana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikulari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2018.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irregistrali fi, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2018.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2018 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2****Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi f'dak l-Anness jew li huma rregistrali fi għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikulari, għandu jkun ipprojbit li jinżammi abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabda minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi ttrażbordat jew ittrasportat lejn pajjiż ieħor jew li jinħatt l-art minnhom.

**Artikolu 3****Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-iljmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti iljmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠUL 27, 31.1.2018, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2018.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
João AGUIAR MACHADO  
Direttur Ġeneral  
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

## ANNESS

Nru	08/TQ120
Stat Membru	Il-Belġju
Stokk	RJU/07E.
Speċi	Raja ondjata ( <i>Raja undulata</i> )
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 7e
Data tal-għeluq	14.4.2018

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/732

tas-17 ta' Mejju 2018

**dwar metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi bi qbil mad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-instal-lazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

- (1) Biex tiġi ddeterminata l-aħjar metodoloġija skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/94/UE, u wara li saret sejħa għall-offerti, il-Kummissjoni talbet lill-Agenzia tal-Enerġija Ġermaniża (dena) biex twettaq studju li jidentifika l-għażliet possibbli biex tinsab metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi <sup>(2)</sup>.
- (2) Fl-istudju ġew analizzati erba' għażliet prinċipali. Il-Kummissjoni qiset dawk l-għażliet kollha. Kien jidher, abbażi ta' dejta li tista' titkejjel, li l-iktar għażla komprensiva hija dik li biha l-prezzijiet tal-karburanti jingħataw bħala ammonti tal-valuta li tkun tapplika, għal kull 100 km, meta jitqies il-prezz ta' kull unità tal-karburant kif imsemmi fid-Direttiva 98/6/KΕ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> u l-konsum tal-vetturi skont kif ikun indikat fiċ-ċertifikat tal-konformità. Dik l-għażla tqis mhux biss il-kontenut ta' enerġija li jkun fih il-karburant, iżda wkoll fatturi oħra li huma rilevanti għall-prezz tal-karburant imqabbel mad-distanza li tinsaq il-vettura, b'mod partikolari l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tat-teknoloġiji rispettivi li jkunu marbutin mal-użu tal-karburanti diversi fil-vetturi.
- (3) Skont stħarriġ dwar it-tqabbil tal-prezzijiet tal-karburanti <sup>(4)</sup>, li twettaq mill-Fédération Internationale de l'Automobile wara li saret sejħa għall-offerti, l-iktar metodoloġija li qablu magħha l-konsumaturi kienet waħda li tagħti l-prezzijiet bħala ammonti tal-valuta li tkun tapplika għal kull 100 km.
- (4) Il-metodoloġija li tintgħażel għandha tippermetti lill-utenti jagħmlu tqabbil faċli tal-aktar fatturi rilevanti, anki biex jiddeċiedu fuq il-vetturi li jkunu se jixtru. Għaldaqstant, il-metodoloġija jidher li hija l-aktar addattata biex iż-żid is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u biex iż-żid it-trasparenza tal-prezzijiet tal-karburanti. Hijha l-iż-żid waħda addattata wkoll għall-ghannejji ġenerali tad-Direttiva 2014/94/UE, li wkoll tqiset fl-Istrateġja Ewropea għal mobbiltà b'emissionijiet baxxi <sup>(5)</sup>, li ġiet adottata fil-kuntest tal-Unjoni tal-Enerġija, jiġifieri biex tikkontribwixxi lejn diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija fit-trasport u lejn it-tnaqqis ta' emissionijiet tad-diōssidu tal-karbonju ( $\text{CO}_2$ ) u emissionijiet oħrajn li jniġġsu f'dan il-qasam.
- (5) Jenħtieġ li jintuża l-valur tal-konsum tal-karburant li jingħata fiċ-ċertifikati tal-konformità tal-vetturi biex jiġu kkalkulati l-prezzijiet tal-karburanti. Dan il-valur huwa bbażat fuq il-proċedura ta' t-testjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħief (WLTP) <sup>(6)</sup> li nbdiet minn Settembru tal-2017 għat-tipi ġoddha ta' vetturi u li se tiebda minn Settembru tal-2018 għall-vetturi l-ġoddha kollha. Din il-proċedura ta' t-testjar tissostitwixxi iċ-Ċiklu l-Ġdid tas-Sewqan Ewropew (New European Drive Cycle -NEDC). Il-proċedura ta' t-testjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħief tipprevedi kundizzjonijiet ta' t-testjar aktar stretti u konsum ta' karburanti aktar realistiku li

<sup>(1)</sup> ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

<sup>(2)</sup> <https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/2017-01-fuel-price-comparison.pdf>

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 98/6/KΕ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi (ĠU L 80, 18.3.1998, p. 27).

<sup>(4)</sup> <https://publications.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/4e8d1774-fa70-11e7-b8f5-01aa75ed71a1>

<sup>(5)</sup> COM(2016) 501 final.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissionijiet ta' vetturi ħief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswiġa u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KΕ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

jibbenefikaw lill-konsumaturi. Ir-referenza għal dawn il-valuri hija konsistenti mal-informazzjoni għall-konsumaturi prevista skont id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>1</sup>) relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emisionijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>) rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda, u minħabba r-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/948 (<sup>2</sup>) wkoll.

- (6) Billi ma jingħatawx valuri tal-konsum tal-karburanti fejn għandu x'jaqsam mat-taħlitiet ta' bijokkarburanti mal-petrol jew mad-diżil fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vetturi (<sup>3</sup>), l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dejta li jkollhom huma biex jiddeterminaw dawn il-valuri.
- (7) Biex il-metodoloġija tkun tista' titħaddem dejjem, il-prezz tal-karburant li jrid jitqies jeħtieġ li jkun il-prezz medju tal-karburant rilevanti għal kull unità konvenzjonali għall-massimu tul-l-aħħar tliet xħur tal-kalendari qabel ma jsir il-kalkolu.
- (8) Minħabba d-diffikultajiet li jeżistu biex jintwerew it-tqabbil fil-pompi tal-karburanti, jeħtieġ li jiġi spċifikat li l-użu ta' din il-metodoloġija jippreżumi l-istabbiliment ta' kampjuni ta' karozzi tal-passiġġieri li jkunu jistgħu jitqabblu, mill-inqas mil-lat tal-piż u tal-qawwa tal-magna tagħhom, iżda li jużaw karburanti differenti.
- (9) Biex ikun aktar faċli t-tqabbil ibbażat fuq il-metodoloġija stabbilita f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom l-għażla li jużaw l-opportunitajiet li toffri d-diġitalizzazzjoni, bħalma huma l-għodod online. Dawn l-għodod jeħtieġ li jkunu jistgħu joffru l-opportunità li wieħed jikseb l-informazzjoni individwali dwar il-mudelli kollha tal-vetturi li jkun hemm fis-suq jew dwar il-biċċa l-kbira minnhom. Din l-għodda tkun toffri wkoll il-possibbiltà li tinġied informazzjoni oħra.
- (10) Il-Programm ta' Ħidma Pluriennali tal-Kummissjoni għall-assistenza finanzjarja fil-qasam tal-Faċilità Nikkoliegaw l-Ewropa - fis-settur tat-Trasport għall-perjodu 2014-2020 (<sup>4</sup>) jipprevedi azzjoni li l-għan tagħha huwa li tħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva 2014/94/UE. Skont il-Programm ta' Ħidma, b'mod notevoli l-għan huwa l-appoġġ għall-implementazzjoni konsistenti tal-Artikolu 7(3) ta' dik id-Direttiva fl-Istati Membri kollha u l-appoġġ għall-Istati Membri biex jippubblikaw l-informazzjoni għall-konsumaturi permezz tal-għodod diġitali.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/94/UE.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Il-metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi fit-tifsira tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/94/UE, abbażi ta' prezziż li jingħataw bħala ammonti tal-valuta li tkun tapplika għal kull 100 km, hija stabbilita fl-Anness.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikkazzjoni tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika minn 24 xahar wara li jidħol fis-seħħi.

(<sup>1</sup>) Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emisionijiet tas-CO<sub>2</sub> rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda (ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16).

(<sup>2</sup>) Ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/948 tal-31 ta' Mejju 2017 dwar l-użu tal-valuri tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjoni tas-CO<sub>2</sub>, approvat għat-tip u mkejla skont il-Proċedura tat-Test Dinji Armonizzat għall-Vetturi Hrifief meta din l-informazzjoni tingħata lill-konsumaturi b'konformità mad-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 100).

(<sup>3</sup>) Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispecifikkazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjoni tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispecifikkazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88).

(<sup>4</sup>) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014)1921 tas-26 ta' Marzu 2014 kif emendata.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

## ANNESS

1. Il-metodoloġija komuni stabbilita f'dan l-Anness tikkonċerna l-karburanti alternattivi kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/94/UE.
2. Biex jintwerew il-prezzijiet fl-istazzjonijiet tal-karburni, kif imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/94/UE, il-metodoloġija tipprevedi l-kalkolu bażiku li jippermetti tqabbil indikattiv tal-prezzijiet ibbażat fuq kampjuni ta' mudelli tal-karrozzi tal-passiġġieri stabiliti mill-Istati Membri u li jistgħu jitqabblu mill-inqas mil-lat tal-piż u tal-qawwa tal-magna tagħhom, iżda li jużaw karburanti differenti.
3. Il-metodoloġija tiddefinixxi kif, biex isir dan it-tqabbil, il-prezzijiet tal-petrol u tad-diżiż u ta' karburanti alternattivi jingħataw fil-forma ta' ammonti tal-valuta li tapplika, għal kull 100 km. Il-kalkolu huwa bbażat fuq il-fatturi li ġejjin:
  - (a) il-konsum tal-karburant għal kull 100 km mill-vettura rispettiva, indikat fiċ-ċertifikat tal-konformità tal-vetturi msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹);
  - (b) fejn japplikaw, il-valuri tal-konsum tal-karburanti għal kull 100 km ddeterminati mill-Istati Membri għat-tħallitiet tal-bijokarburanti mal-petrol jew mad-diżiż (²);
  - (c) il-prezzijiet fis-suq għal kull unità tal-karburanti rispettivi, mogħtija fil-valuta li tkun tapplika, għall-unitajiet imsemmijin fl-Istat Membru kkonċernat, bi qbil mad-Direttiva 98/6/KE (minn hawn 'il quddiem: unitajiet konvenzjonali).
4. Il-prezz mogħti bħala ammont tal-valuta li tkun tapplika għal kull 100 km jiġi kkalkulat kif ġej:

—————

Il-prezz tal-karburant għal kull unità konvenzjonali mmultiplikat bil-konsum tal-karburant għal kull 100 km.
5. Il-prezz tal-karburanti funitajiet konvenzjonali li jitqies huwa l-prezz medju għall-massimu tul l-ahħħar tliet xħur tal-kalenderju qabel ma jsir il-kalkolu.

(¹) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(²) Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispecifi-kazzjoni tal-petrol, tad-diżiż u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispecifi-kazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88).

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/733

**tas-17 ta' Mejju 2018**

**li jemenda għall-284 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjonijiet tal-Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fid-9 ta' Mejju 2018, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda erba' entrati fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-ġħada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni,  
 F'isem il-President,  
 Il-Kap tas-Servizz għall-Instrumenti tal-Politika Barranija*

---

(¹) ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

## ANNESS

L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) Id-dejta ta' identifikazzjoni tal-entrati segwenti taħt l-intestatura "Persuni naturali" hija emendata kif ġej:

(a) "Ruben Pestano Lavilla, Jr (alias (a) Reuben Lavilla, (b) Sheik Omar, (c) Mile D Lavilla, (d) Reymund Lavilla, (e) Ramo Lavilla, (f) Mike de Lavilla, (g) Abdullah Muddaris, (h) Ali Omar, (i) Omar Lavilla, (j) Omar Labella, (k) So, (l) Eso, (m) Junjun). Titolu: Sheik. Indirizz: 10<sup>th</sup> Avenue, il-Belt ta' Caloocan, il-Filippini. Data tat-twelid: 4.10.1972. Post tat-twelid: Sitio Banga Maiti, Barangay Tranghawan, Lambunao, Iloilo, il-Filippini. Nazzjonaliità: Filippina. Numru tal-passaport: (a) MM611523 (Passaport Filipin, 2004); (b) EE947317 (Passaport Filipin 2000-2001); (c) P421967 (numru tal-passaport Filippin (1995- 1997). Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat ma' Khadafi Abubakar Janjalani u mal-International Islamic Relief Organisation, il-Filippini, uffiċċi tal-friegħi; (b) Detenut fil-Filippini sa minn Mejju 2011. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.6.2008."

tinbidel b'dan li ġej:

"Ruben Pestano Lavilla, Jr (alias (a) Reuben Lavilla, (b) Sheik Omar, (c) Mile D Lavilla, (d) Reymund Lavilla, (e) Ramo Lavilla, (f) Mike de Lavilla, (g) Abdullah Muddaris, (h) Ali Omar, (i) Omar Lavilla, (j) Omar Labella, (k) So, (l) Eso, (m) Junjun). Titolu: Sheik. Indirizz: 10<sup>th</sup> Avenue, il-Belt ta' Caloocan, il-Filippini. Data tat-twelid: 4.10.1972. Post tat-twelid: Sitio Banga Maiti, Barangay Tranghawan, Lambunao, Iloilo, il-Filippini. Nazzjonaliità: Filippina. Numru tal-passaport: (a) MM611523 (Passaport Filipin, 2004); (b) EE947317 (Passaport Filipin 2000-2001); (c) P421967 (numru tal-passaport Filippin (1995- 1997). Informazzjoni oħra: Detenut fil-Filippini sa minn Mejju 2011. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 4.6.2008."

(b) "Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri (magħruf ukoll bħala (a) Ibrahim Hassan Tali Asiri, (b) Ibrahim Hasan Talea Aseeri, (c) Ibrahim Hassan al-Asiri, (d) Ibrahim Hasan Tali Asiri, (e) Ibrahim Hassan Tali Assiri, (f) Ibrahim Hasan Tali'A 'Asiri, (g) Ibrahim Hasan Tali al-'Asiri, (h) Ibrahim al-'Asiri, (i) Ibrahim Hassan Al Asiri, (j) Abu Saleh, (k) Abossalih, (l) Abu-Salaah). Indirizz: Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.4.1982, (b) 18.4.1982, (c) 24.6.1402 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Nazzjonaliità: Sawdija. Numru tal-passaport: F654645 (Numru tal-passaport tal-Arabja Sawdija, maħruġ fit-30.4.2005, skada fis-7.3.2010, data tal-ħruġ fil-Kalendarju Hijri 24/06/1426, data tal-iskadenza fil-Kalendarju Hijri 21/03/1431). In-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 1028745097 (Numru ta' identifikazzjoni cívili Sawdi). Informazzjoni oħra: (a) Element operativ u manifattur prinċipali ta' bombi ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija; (b) Hu maħsub li jinsab moħbi fil-Jemen f'Marzu 2011; (c) Imfitteż mill-Arabja Sawdija; (d) Assoċjat ukoll ma' Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, Qasim Yahya Mahdi al-Rimi u Anwar Nasser Abdulla Al-Aulaqi. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.3.2011."

tinbidel b'dan li ġej:

"Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri (magħruf ukoll bħala (a) Ibrahim Hassan Tali Asiri, (b) Ibrahim Hasan Talea Aseeri, (c) Ibrahim Hassan al-Asiri, (d) Ibrahim Hasan Tali Asiri, (e) Ibrahim Hassan Tali Assiri, (f) Ibrahim Hasan Tali'A 'Asiri, (g) Ibrahim Hasan Tali al-'Asiri, (h) Ibrahim al-'Asiri, (i) Ibrahim Hassan Al Asiri, (j) Abu Saleh, (k) Abossalih, (l) Abu-Salaah). Indirizz: Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.4.1982, (b) 18.4.1982, (c) 24.6.1402 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Nazzjonaliità: Sawdija. Numru tal-passaport: F654645 (Numru tal-passaport tal-Arabja Sawdija, maħruġ fit-30.4.2005, skada fis-7.3.2010, data tal-ħruġ fil-Kalendarju Hijri 24/06/1426, data tal-iskadenza fil-Kalendarju Hijri 21/03/1431). In-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 1028745097 (Numru ta' identifikazzjoni cívili Sawdi). Informazzjoni oħra: Hu maħsub li jinsab moħbi fil-Jemen f'Marzu 2011; Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 24.3.2011."

- (2) Id-dejta ta' identifikazzjoni għall-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, grupperi u entitajiet" qiegħda tiġi emendata kif ġej:

(a) "Al-Haramain Islamic Foundation (magħrufa wkoll bħala (a) Vazir, (b) Veziर). Indirizz: 64 Poturmahala, Travnik, il-Bosnja-herzegovina; (b) Sarajevo, il-Bosnja-herzegovina. Informazzjoni oħra: L-impiegati u l-assoċjati jinkludu Najib Ben Mohamed Ben Salem Al-Waz. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2002."

tinbidel b'dan li ġej:

"Al-Haramain Islamic Foundation (magħrufa wkoll bħala (a) Vazir, (b) Veziर). Indirizz: 64 Poturmahala, Travnik, il-Bosnja-herzegovina; (b) Sarajevo, il-Bosnja-herzegovina. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 13.3.2002."

- (b) "Il-Moviment Rajah Solaiman (*alias* (a) Rajah Solaiman Islamic Movement, (b) Rajah Solaiman Revolutionary Movement). Indirizz: (a) Barangay Mal-Ong, Anda, il-Provinċja ta' Pangasinan, il-Filippini; (b) Sitio Dueg, Barangay Maasin, San Clemente, il-Provinċja ta' Tarlac, il-Filippini; (c) Nru 50, Purdue Street, Cubao, il-Belt ta' Quezon, il-Filippini. Informazzjoni oħra: (a) Mwaqqaf u mexxi minn Hilarion Del Rosario Santos III; (b) Assoċjat mal-Grupp Abu Sayyaf u Jemaah Islamiyah, International Islamic Relief Organisation, il-Filippini, uffiċċiji tal-friegħi u Khadafi Abubakar Janjalani. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.6.2008."

tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Moviment Rajah Solaiman (*alias* (a) Rajah Solaiman Islamic Movement, (b) Rajah Solaiman Revolutionary Movement). Indirizz: (a) Barangay Mal-Ong, Anda, il-Provinċja ta' Pangasinan, il-Filippini; (b) Sitio Dueg, Barangay Maasin, San Clemente, il-Provinċja ta' Tarlac, il-Filippini; (c) Nru 50, Purdue Street, Cubao, il-Belt ta' Quezon, il-Filippini. Informazzjoni oħra: Imwaqqaf u mmexxi minn Hilarion Del Rosario Santos III. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 4.6.2008."

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/734****tas-17 ta' Mejju 2018**

dwar il-prezz minimu għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-għoxrin sejħa parzjali għall-offerti fi  
ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE)  
2016/2080

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li  
jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE)  
Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tas-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi  
regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta'  
intervent pubbliku u ta' għajjnuna għall-ħżin privat (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2080 (³) fetaħ il-bejħ tat-trab tal-ħalib xkumat  
permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti.
- (2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'rposta għad-għoxrin stedina għall-offerti parzjali, għandu jiġi ffissat prezz  
minimu tal-bejħ.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq  
Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Għall-għoxrin sejħa parzjali għall-bejħ tat-trab tal-ħalib xkumat fil-kuntest tal-proċedura tas-sejħa għall-  
offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2016/2080, illi fir-rigward tagħha l-perjodu meta l-offerti  
kellhom jintefgħu ntemm fil-15 ta' Mejju 2018, il-prezz minimu tal-bejħ għandu jkun ta' EUR 115,50/100 kg.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri  
kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Jerzy PLEWA  
Direttur Ġenerali  
Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) ĠUL 206, 30.7.2016, p. 71.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2080 tal-25 ta' Novembru 2016 dwar il-ftuħ tal-bejħ tat-trab tal-ħalib  
xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti (ĠUL 321, 29.11.2016, p. 45).

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/735

**tas-17 ta' Mejju 2018**

**dwar il-prezz massimu għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat għat-tielet sejħa individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tal-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/154**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti ghajnejiet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrīkoli (<sup>(1)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/154 (<sup>(2)</sup>) fetaħ ix-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tal-offerti għall-perjodu mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2018, skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 (<sup>(3)</sup>).
- (2) Abbażi tal-offerti li waslu bi twiegħiba għas-sejħiet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz massimu għax-xiri sfurzat jew għandha tiddeċiedi li ma tiffissax prezz massimu għax-xiri sfurzat, p'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2016/1240.
- (3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'rposta għat-tielet sejħa individwali għall-offerti, ma jenħtieġx li jiġi ffissat prezz massimu għax-xiri sfurzat.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agriku,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

### Artikolu 1

Għat-tielet sejħa individwali għall-offerti għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/154, li għaliha d-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-offerti skadiet fil-15 ta' Mejju 2018, l-ebda prezz massimu għax-xiri sfurzat ma għandu jiġu stabbilit.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'l-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni,  
 F'isem il-President,  
 Jerzy PLEWA  
 Direttur Ġenerali  
 Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(<sup>1</sup>) ġiUL 346, 20.12.2013, p. 12.

(<sup>2</sup>) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/154 tat-30 ta' Jannar 2018 li jiftaħ proċedura għall-offerti għax-xiri ta' trab tal-ħalib xkumat matul il-perjodu ta' intervent pubbliku mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2018 (ġiUL 29, 1.2.2018, p. 6).

(<sup>3</sup>) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent pubbliku u ta' għajnuna għall-ħżin privat (ġiUL 206, 30.7.2016, p. 71).

## DIRETTIVI

### DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/736

tas-27 ta' Frar 2018

li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċerti komponenti elettriċi u elettroniċi li jkun fihom iċ-ċomb fi ħġieġa jew ċeramika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih iċ-ċomb.
- (2) Il-punt 7(c)-I attwali tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE eżenta l-użu taċ-ċomb fil-komponenti elettriċi u elettroniċi li jkun fihom iċ-ċomb fi ħġieġa jew ċeramika għajnej iċ-ċeramika dielettrika fil-kapaċitaturi, eż. apparat pjeżo-elettroniku, jew fl-kompost b'matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika sal-21 ta' Lulju 2016. Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għat-tidid ta' din l-eżenzjoni fir-rigward tal-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10 qabel l-21 ta' Jannar 2015, skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE. Barra minn hekk, f'Novembru 2014 il-Kummissjoni rċeviet talba għal eżenzjoni ġidida (it-talba nru 2015-1) għall-użu taċ-ċomb fl-elementi ta' sensuri elettroniċi b'rita rqiqa bħal pereżempju s-sensuri piro-elettriċi jew is-sensuri pjeżo-elettriċi, li huwa applikazzjoni koperti mill-punt 7(c)-I. Matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati li ġejjin sar qbil mal-applikant li tiġi evalwata t-talba għall-eżenzjoni 2015-1 fil-kuntest usa' tal-eżenzjoni 7(c)-I.
- (3) Fiċ-ċeramika, iċ-ċomb jipprovdji proprietajiet dielettriċi, pjeżo-elettriċi, piro-elettriċi, ferro-elettriċi, semikondutturi, manjetiċi partikolari għal firxa wiesgħa ta' użi, f'termi ta' temperaturi, voltaġġi jew frekwenzi. Fil-ħġieġ, iċ-ċomb jipprovdji proprietajiet kruċjali bħal pereżempju jbaxxi l-punti ta' tidwib jew ta' tratti, itejjeb it-tħaddim anki bil-magni u l-istabbiltà kimika u oħra. Il-ħġieġ li jkun fih iċ-ċomb jista' jintuża ffirxa wiesgħa ta' applikazzjoni, inklużi l-insulazzjoni, il-protezzjoni, ir-reżistenza, l-irbit jew is-sigġil ermetiku.
